# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħa (4/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 19 t’ April 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUZAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sur Callus ċempel biex javza li mhux se jattendi peress illi kellu xogħol illi ma kienx jaf bih meta aġġornajna l-laqgħa. Hu kien skuzat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-ħaddiema tal-IPSL/ETC għamlu x-xogħol fuq il-ħajt tal-ġnien ta’ barra l-Kunsill [ref punt 3.8] u staqsa jekk il-kunsilliera jemmnu li għandna nagħmlu z-zebgħa jew le. Il-kunsilliera approvaw ix-xogħol u qablu li ma jsirx tibqa kif inhi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tiegħu x-xogħol kellu jsir hekk fil-ġnien fl-area ta’ T’Amparell [Ġnien il-Ħelsien] izda ma saritx hekk. Is-

Sindku qal illi x'aktarx dak ix-xogħol ma kienx parti mill-BOQ's.

3.2 Il-kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk kien hemm zviluppi rigward triq il-Kuċċard [ref punt 8]. Is-Sindku qal illi TM qegħdin jistudjaw l-aħjar għażla rigward kif se titneħħa d-dislivell.

## 4. Korrespondenza

4.1: **Owen Lidell**: Is-sur Liddell kiteb biex jilmenta fuq l-istat tal-iskips ta' triq Rqajja kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien tkellem mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u hu wkoll qal illi qed ikun hemm problemi kbar fl-area. Is-Sindku qal illi waqt illi hemm dawn il-problemi darbtejn fil-ġimgħa m'hemmx problemi li ma jistgħux ikunu kkontrollati.

4.2: **Dennis Zammit**: Is-sur Zammit bagħat emajl/ritratti biex juri l-periklu li għandu biex joħroġ mill-garaxx tiegħu f'triq Ta' Ġawhar peress illi hemm min qed iħalli l-vettura tiegħu mal-kantuniera tal-bieb tal-garaxx tiegħu, waqt illi karozzi jagħdu mit-triq b'veloċita. Il-Kunsill qabel illi jsiru kaxxi sofor barra z-zewġ garaxxijiet fl-area.

4.3: **Lourdes Farrugia**: Is-sinjorina Farrugia lmentat li hemm persuna f'triq id-Dolmen, li għandu kaxxa safra barra l-kċina tiegħu u li mhux qed iħalli lil ħadd jipparkja hemm. Qalet illi l-istess persuna mar fuq il-ġenituri tagħha bil-lejl biex ineħħu l-karrozza tagħhom minn hemm wara li pparkjaw. Il-Kunsill qabel illi jibagħtu l-korrespondenza lill-TM.

4.4: **Desiree Scicluna Bugeja**: Kitbet biex tgħid illi wara s-suċċess tas-Science Club, tixtieq illi l-Kunsill jerġa joffri l-premises għas-sena skolastika li ġej. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll illi l-animator mhux se tibqa u għalhekk għandna noħorġu tender ġdid.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil fakkar illi hu kontra li jiffirma s-sheet fejn hemm il-pagament ta' Mario Service Station għall-uzu ta' petrol tal-ħaddiem tal-IPSL. Hu u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw illi hu kontra dan il-pagament biss ħalli jkun jista japprova l-bqija tal-pagamenti.

5.2 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet oħra għall-Payment Approval Sheet.

**6. In-Nursery tal-Futbol**

6.1 Is-Sindku qal illi rċieva talba biex nidħlu flimkien mal-klabb taż-Żurrieq peress illi z-zewġ nurseries qegħdin joħorġu ammonti kbar ta' flus u peress illi hemm ftit tfal f'kull Nursery. Żied illi rċieva proposta biex grupp internazzjonali jibda jħallas il-kowċes u b'hekk se nevitaw izjed spejjez. Qal ukoll illi jekk nidħlu flimkien maż-Żurrieq, nibdew nuzaw il-grawnd tagħhom għal-logħob u b'hekk se nevitaw l-ispejjez ta' San Benedittu li għandna nibdew inħalsu minn issa. Punti pozittivi oħra li sema kienu li t-trejning xorta se jsir fil-grawnd tagħna, waqt illi se neħilsu mill-problema li t-tfal tan-Nursery tagħna mhux se jkollhom fejn ikomplu wara 13yrs għax se jkun hemm tim ta' U15 ukoll. Fakkar illi b'dawn il-punti se niffrankaw madwar €5000 fis-sena pagi tal-kowċes. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi barra l-pagi tal-kowċes, fis-sena 2015 infaqna €1167 għax-xiri tal-equipment/trasport, fejn il-maġġoranza ta' dawn l-ispejjez se jkunu evitati issa. Qal illi daħalna €1775 mill-fees izda dawn issa se jmorru għand il-kumpanija li se jħallas l-kowċes.

Is-Sindku qal illi se nogħlu l-livell tan-Nursery b'din il-proposta, it-tfal għandhom opportunita biex ikomplu, kif ukoll għandna noħorġu break-even. Qal illi l-kumpanija hija akkademija internazzjonali u jieħdu ħsieb trejning speċjalizzat. Huma se jipprovdu kowċes huma wkoll waqt illi l-kowċes tagħna se jieħdu l-istess rata u l-Head Kowċ tagħna se jibqa Head Kowċ. Il-kit xorta se tibqa tagħna, bl-isponsor tagħna. Iridu nagħmlu l-arma taz-Zurrieq flimkien ma tagħna biss. L-unika ħaġa negattiva li hemm huwa li t-tfal għandhom iħalsu €100 u mhux €70.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi se nitilfu l-indipendenza izda zied illi jekk se nagħtu ċans lit-tfal biex ikomplu jilagħbu jaqbel mal-proposta. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jaqbel mal-proposta għax in-Nursery se tmut mewta naturali jekk ma nidħlux magħhom, izda qal huwa mportanti li plejer tagħna li hu tajjeb għandu jibqa tagħna u mhux taz-Zurrieq.

Il-Kunsill qabel mal-proposta. Se jsir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ġenituri, waqt illi l-Kunsill qabel illi nissussidjaw id-differenza bejn €70/€80 li jħalsu t-tfal ta' Ħal Safi u l-barranin li qegħdin fin-Nursery tagħna, u l-fee ta' €100 li qegħdin jitolbu issa.

**7. Tender: Ġbir tal-iskart tar-riċeklaġġ**

7.1 Rapprezentanti ta’ Green MT daħlu fil-kamra tas-seduta waqt illi s-Segretarju Ezekuttiv qara punti mid-dokumenti li rċieva mingħand Green MT u GreenPak. Qal illi peress illi hemm kuntratt eżistenti sat-13 ta’ Mejju mhux se jittieħed deċizjoni dak il-ħin stess ħalli l-kunsilliera jkollhom bizzejjed ħin biex janalizzaw l-offerti peress illi m’hemmx flus involut u m’hemmx l-inqas offerta [li taqbel mal-ispecs].

7.2 Wara li qara dawn id-dokumenti qal ill se jikteb rapport għall-kunsilliera bil-punti importanti ħalli jiddiskutu l-proposti fil-laqgħa li jmiss.

7.3 Ir-rapprezenanti ta’ Green MT iringrazzjaw lill-Kunsill u ħarġu mill-kamra tas-Seduta ma tmiem id-diskussjoni ta’ dan il-punt.

**8. Jum Ħal Safi**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa lill-kunsilliera dwar il-ħsibijiet tagħhom fuq Jum Ħal Safi biex naraw fejn nistgħu ntejbu l-programm fil-futur.

Wine and Pizza [Il-Ġimgħa]:

- Il-kunsilliera qablu li bħala entertainment, il-grupp Għawdxi kienu aħjar.
- Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tiegħu, biex forsi jkun hemm izjed parteċipanti, għandna nitolbu flixkun wieħed u mhux tnejn għall-kompetizzjoni.

Serata tal-Premju Onor [Is-Sibt]:

- Qablu li kollox mar sew u li l-vjolonist kien eċċelenti

**9. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

9.1 qal illi se jkun hemm skema oħra tar-Reġjun dwar ‘traffic signs’ u se nieħdu madwar €1475. Qal ukoll illi hemm skema oħra tal-GreenWardens ta’ 2012 li issa, għandna dritt nuzaw il-fondi għax-xogħolijiet ta’ Landscaping.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

9.2 qal illi hemm bzonn ta tabella [vleġġa] int u sejjer lejn Ħal Far. Il-Kunsill qabel.

9.3 fakkar illi għandna nneħħu t-tabelli tal-Bring In Sites ta’ triq il-Kuċċard.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

9.4: għamlet talba biex il-ħaddiema jaqtgħu il-ħaxix ta’ triq il-Kuċċard.

9.5: staqsiet jekk hemm xi attivitajiet illi l-kunsillier se jorganizzaw f’Mejju ħalli tikteb nota fil-kalendarju. Ma kien hemm l-ebda riposta.

9.6: qalet illi għandha l-ħsieb torganizza nofs ta’ nhar sa Birzebuggia. Il-Kunsill qabel.

9.7: Issuġerriet illi nagħmlu attivita folkloristika għall-Imnarja. Qalet illi filgħodu jista jkun hemm car show izda fl-istess ħin qalet ix-xemx dejjem tista tkun problema [is-Segretarju Ezekuttiv qal kien sar car show f’Novembru fil-passat], kif ukoll illi kienet diġa tkellmet ma’ rapprezentant tal-iskola ħalli jsir xi ħaġa flimkien mat-tfal tal-iskola. Filgħaxija ssuġġeriet il-folklore night. Il-Kunsill qabel.

9.8: Qalet illi hemm blind corner ftit ‘l isfel mill-Ġnien Sir Alexander Ball u hemm bzonn mera.

9.9 Talbet għall-update rigward ix-xelter. Għandna rridu niftħu l-bokka.

9.10 Qalet illi se tiltaqa mal-NGO li jixtiequ jagħmlu l-mural [ref punt 12.12] ħalli tkun tista tagħti izjed informazzjoni.

9.11: qalet illi fis-sajf tixtieq terġa torganizza circuit training u Sajf Safi. Il-Kunsill qabel.

9.12: qalet hemm bollard imnejla b'riklam f'triq Santa Marija u resqet talba biex ineħuha peress illi ħadd m'għadu juza l-propjeta [ħanut]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-sid kien għamel ir-riklam bl-approvazzjoni tal-Kunsill minħabba d-duħħan illi kien jidħol fil-ħanut illi hemm. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nagħmlu talba lis-sid biex ineħħi r-riklam hu, dejjem f'kaz illi m'hemmx bzonn dan ir-riklam. Il-Kunsill qabel.

9.13: Staqsiet għall-updates rigward il-Berġa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal se jressaq punt rigward dan lejn l-aħħar tal-laqgħa.

9.14: Qalet illi hemm sleeping police f'triq il-Feniċi bla uzu. Il-kunsilliera qalu li kien hemm diskussjoni fil-leġislatura preċedenti u hemm bzonn ta' scarifying, dan kollu għal xogħol illi ma sarx mill-Kunsill. Se niktbu ittra lil min għamel dan ix-xogħol biex jieħu ħsieb ix-xogħol hu.

9.15: Staqsiet kif il-Kunsill jista jgħin lit-tim ta' Safi A.F.C. Il-Kunsill qabel illi huma rridu jieħdu l-inizjattiva biex isibu premises l-ewwel u qabel kollox.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

9.16 Għamel talba biex naħslu z-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qabel. Il-kunsillier qal illi se jara maċ-Ċaqnu x'irid isir biex nagħmlu dan ix-xogħol ħalli nneħħu s-sadid fuq il-ballavostri.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

9.17: Qal illi rċieva petizzjoni ftit qabel il-laqgħa fejn residenti qegħdin jagħmlu talba biex sqaq il-Karwija ssir one-way [u two-way għar-residenti]. Il-Kunsill qabel illi naraw ma' TM l-ewwel.

9.18: Ipprezenta tlett specimens tal-artificial turf għar-roundabout. Il-kunsilliera qablu fuq tan-nofs [€43/sqr mtr.]. Is-Sindku qal illi għadu qed jistenna stima biex nagħmlu x-xogħol bit-torba u turf fuqu. Qal illi dan jista jkun irħas.

9.19: Qal illi għamel talba għal stimi ta'

- Geezer
- AC [env friendly]

- Sink
- Xogħol ta’ manutenzjoni
- Kabinets
- Siġġijiet

  Għall-Berġa. Il-Kunsill qabel illi għandna nimxu mal-irħas offerti li nirċievu u li x-xogħol jista jibqa għaddej.

9.20: Qal illi ltaqa mas-sur Ninu Zammit u li s-sur Zammit qabel illi hu għandu jħallas rata pro-rata skond id-dimensions tal-parti tal-propjeta li huwa tiegħu. Dan l-ammont ammonta għal €2714.49. Il-Kunsill qabel.

10. **Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-10 ta’ Mejju 2016

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard